Nru. 18,163
Prezz/Price
Lm0.08 (€0.19)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 17 ta' Diċembru, 2007
Monday, 17th December, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1099

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Diċembru, 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1090 tat-13 ta' Diċembru, 2007, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-14 ta' Diċembru, 2007
(OPM 31/2007/II)

Nru. 1100

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetitttività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Joseph Cachia	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	13 - 14.12.2007

Is-17 ta' Diċembru, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 1099

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 14th December, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 1090 of the 13th December, 2007, ceased to have effect accordingly.

14th December, 2007

No. 1100

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

The Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

17th December, 2007

Nru. 1101

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima ta' l-Impatt Ambjentali
Avviż skond Artikolu 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' l-2007)

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* ta' l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta. Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt.

Forum Hotel,
Triq Sant Andrija,
Swieqi

PA 7245/05

Proposta għat-twaqqigħ tal-Forum Hotel u l-villa ta' mal-ġenb u l-bini ta' appartamenti, *showrooms*, garaxxijiet taħt l-art, ħanut (klassi 4) u vilel *semi-detached*

Is-Sur Ruben Sciortino għal S.M.S. Group Ltd

Is-17 ta' Diċembru, 2007

No. 1101

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice. More information can be obtained from the MEPA website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta. Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt.

Forum Hotel,
Triq Sant' Andrija,
Swieqi

PA 7245/05

Proposed demolition of Forum Hotel and adjacent villa and construction of apartments, showrooms, basement garages and class 4 shop and semi-detached villas

Mr Ruben Sciortino o.b.o. S.M.S. Group Ltd

17th December, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-Edexcel London - Mejju/Ġunju 2008

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom joqogħdu għall-Eżamijiet ta' l-Edexcel London Mejju/Ġunju 2008 li l-applikazzjonijiet jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Jannar 2008 sal-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., kif ġej:-

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana.

Kandidati f'Għawdex
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
ir-Rabat,
Għawdex

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, minn nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Jannar, 2008.

L-applikanti jistgħu jagħżlu wkoll li jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt Ir-reġistrazzjoni *on-line* se tkun disponibbli bejn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Jannar 2008 sal-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, sa l-4.00 p.m.

Il-kandidati għandhom jinnotaw li jistgħu jirreġistraw biss jew:

(1) jekk ikunu lestew il-Ħames Klassi sa Mejju/Ġunju 2008

jew

ikunu għalqu s-16-il sena dakinhar jew qabel id-data ta' meta jagħlqu r-reġistrazzjonijiet (i.e. 18 ta' Jannar, 2008). Kandidati li jattendu Skejjel Statali jew Privati għandhom ikunu ppreżentati mill-Iskola.

Il-kandidati l-oħra kollha għandhom jirreġistraw bħala 'Kandidati Privati'

Il-kandidati jistgħu jħassru kull suġġett mill-formola ta' l-applikazzjoni ta' Mejju/Ġunju 2008 u jieħdu flushom lura jekk il-kandidati jirnexxielhom jikkwalifikaw fis-suġġett/i meta joħroġ ir-Riżultat ta' l-Eżamijiet ta' l-Edexcel London Jannar 2008

Importanti

Inwissu lill-kandidati biex jiċċekkjaw l-orarji ta' l-Examining Boards lokali u barranin qabel ma japplikaw għall-eżamijiet.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations - May/June 2008

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the Edexcel London Examinations May/June 2008 that applications will be received as from Monday, 7th January 2008 up to Friday, 18th January, 2008 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:-

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Application forms may be obtained from the Examinations Department, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, as from Wednesday, 2nd January, 2008.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt The on-line registration will be available between Monday 7th January, 2008 up to Monday 21st January 2008 at 4.00 p.m.

Candidates are reminded that they can only register for the above examinations either:

(1) if they complete the Fifth Form by May/June 2008

or

if they are 16 years of age on or before the closing date of registrations, (i.e. 18th January, 2008). Candidates attending State or Private Schools should be School Presented.

All other candidates should register as 'Private Candidates'

A candidate may cancel any subject/s from the May/June 2008 application form and receive a refund of fees if the candidate succeeds to qualify in the subject/s on receipt of the Edexcel London January 2008 Examination Result.

Important

Candidates are advised to check between different local and foreign Examining Boards' timetables, before applying for any examinations.

Jiġu kkunsidrati biss dawk l-eżamijiet lokali li jaħbtu ma' eżamijiet ta' Examining Boards barranin f'suġġetti differenti.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

Is-17 ta' Diċembru, 2007

EŻAMIJIET TA' L-AQA, SAJF 2008

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom jagħmlu l-Eżamijiet ta' l-AQA, Sajf 2008 li l-formoli ta' l-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Jannar, 2008, sal-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, mit-8.00 a.m. sa l-4.30 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment ta' l-Eżamijiet
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru ta' l-Eżamijiet
ir-Rabat,
Għawdex

Dettalji dwar is-suġġetti u ħlasijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt Ir-reġistrazzjoni *on-line* tista' ssir bejn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Jannar 2008 u t-Tnejn, il-21 ta' Jannar, 2008 sal-4.00 p.m

Importanti

Inwissu lill-kandidati biex jiċċekkjaw l-orarji ta' l-Examining Boards lokali u barranin qabel ma japplikaw għall-eżamijiet.

Jiġu kkunsidrati biss dawk l-eżamijiet lokali li jaħbtu ma' eżamijiet ta' Examining Boards barranin f'suġġetti differenti.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

Is-17 ta' Diċembru, 2007

Clash of subjects in examinations offered by different foreign Examining Boards will only be considered if not in the same subject.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or the Department's website on www.exams.gov.mt

17th December, 2007

AQA SUMMER 2008 EXAMINATIONS

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the AQA Examinations Summer 2008 that application forms will be accepted from Monday 7th January 2008 up to Friday 18th January, 2008 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre
Victoria,
Gozo

Details regarding subjects and the relative fees may be obtained from the above offices.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt The on-line registration will be available between Monday 7th January, 2008 up to Monday, 21st January, 2008 till 4.00 p.m.

Important

Candidates are advised to check between different local and foreign Examining Boards's timetables, before applying for any examinations.

Clash of subjects in examinations offered by different Foreign Examining Boards' will only be considered if not in the same subject.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or the Department's website on www.exams.gov.mt

17th December, 2007

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*